**29 ta' Mejju, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Iris armla ta' Joseph Vella *et*

*versus*

Joyce Micallef

## Notifika bl-Affissjoni

*Din il-Qorti tirrileva li donnha daħlet prattika li kull talba għall-affissjoni tkun akkordata bħallikieku kienet xi ħaġa ta' rutina mentri huwa evidenti li l-liġi tirrikjedi ħafna aktar minn hekk.*

*Fost ir-rekwiżiti biex tintlaqa' talba bħal din hemm dak tan-nuqqas ta' notifika jekk mir-riferta ta' l-uffiċjal inkarigat jinstab li għalkemm il-persuna li għandha tkun notifikata bl-iskrittura tinsab f'Malta d-*

*dħul fil-lok fejn hija tkun toqgħod ma jkunx jista' jsir jew il-lok tad-dar tagħha ma jkunx magħruf. Dana skond l-artikolu 187 (3) tal-Kap.12.*

*Fil-każ preżenti m'hemmx qbil bejn il-post indikat mill-appellata u dak fejn suppost saret l-affissjoni, li anqas ma jirriżulta li huwa l-post fejn effettivament tabita l-appellanti.*

Il-Qorti:-

Rat id-deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera mogħtija fit-2 ta' Marzu, 1993 li minnha sar dan l-appell u li hija hekk:

"Il-Bord:

Ra r-rikors;

Ra l-verbal tan-notiifka tar-rikors li l-intimat/a li juri li għaddew mhux anqas minn 12 (tnax)-il jum mid-data tan-notifika u dik tas-seduta odjerna a tenur ta' l-Artikolu 29(2) tal-Kap.69;

Billi meta ssejħet il-kawża, l-intimata ma dehritx u ma saru ebda kontestazzjonijiet għat-talba tar-rikorrenti;

Wara li ra l-Artikolu 31 tal-Kap. 69;

Jilqa' t-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-intimata u jiffissa t-terminu ta' xahrejn żmien mil-lum għall-fini ta' l-iżgumbrament";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Joyce Micallef li permezz tiegħu talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Kera li minnha hija appellat u terġa' tibgħat l-atti lura lill-

Bord ħalli l-kawża tieħu l-kors normali tagħha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

Rat ir-risposta ta' l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appell huwa fis-sens li ġej, u ċjoe` illi n-notifika li għaliha saret riferenza allegatament saret bl-affissjoni. Skond l-appellant jekk wieħed jeżamina r-riferta li kiteb il-Marixxall tal-Qorti, isib fiha li minn barra l-Għassa, l-affissjoni saret "mal-bieb 29, St. Joseph Flats, Triq San Rua, Tas-Sliema". L-appellanti tissottometti li hija ma tgħix f'dan il-post u inoltre t-talba ta' l-affissjoni saret b'riferenza għall-fond 3, Malborough Flats, Lower Victoria Terrace, Sliema. Inoltre, hija tissottometti wkoll illi ma sabet ebda karta mwaħħla u ma ġietx innotifikata u saret taf bis-sentenza għax kumbinazzjoni induna biha l-konsulent legali tagħha ċjoe` l-Avukat Dr. Peter Borg Costanzi;

L-appellanti tissottometti wkoll illi inoltre fil-Kap. 69 ma hemm l-ebda Artikolu 29(2) jew 31(a);

A bażi ta' dan kollu hija tissottometti illi hija ma ġietx innotifikata validament u li għalhekk is-sentenza appellata hija nulla għar-raġunijiet premessi;

Qabel tibda din il-Qorti trid tirrileva li donnha daħlet prattika

li kull talba għall-affissjoni tiġi akkordata bħallikieku kienet xi ħaġa ta' rutina mentri huwa evidenti li l-liġi tirrikjedi ħafna aktar minn hekk. Fost ir-rekwiżiti li tirrikjedi l-liġi per eżempju, hemm rikjest illi n-notifika bl-affissjoni tista' tingħata jekk mir-riferta ta' l-uffiċjal inkarigat min-notifiki ta' l-iskritturi jinstab li **għalkemm il-persuna li għandha tiġi nnotifikata bl-iskrittura tinsab *f'Malta*** *id-dħul* fil-lok fejn hija tkun toqgħod ma jkunx jista' jsir jew il-lok tad-dar tagħha ma jkunx magħruf. Dana skond l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12. Issa jekk wieħed jara r-rikors ta' Iris Vella tat-22 ta' Jannar, 1993 li mbagħad ġie segwit bid-digriet tan-notifika bl-affissjoni isib illi dina sempliċement iddikjarat li l-intimata baqgħet mhux innotifikata bir-rikors u dana anke wara proċedura bil-purtier stante li ma fetaħ ħadd u li hija kellha interess li dan ir-rikors jiġi ttrattat u deċiż. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fuq il-bażi ta' dan biss il-Bord ma kienx awtorizzat illi jakkorda t-talba għan-notifika bl-affissjoni għaliex l-ewwel nett ma saritx kif kellha ssir u fit-tieni lok, jekk wieħed jara r-riferti *li kien hemm preċedentement u li kienu jirrisalu waħda* għal tliet snin qabel u l-oħra għal sentejn qabel, minn imkien ma kien jirriżulta dak illi hu rikjest bis-subartikolu msemmi ħalli l-Qorti tkun awtorizzata takkorda n-notifika bl-affissjoni;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti jidhrilha li għandha biżżejjed biex tilqa' t-talba ta' l-appellant. Jista' jiżdied pero' wkoll li l-appellanti għandha raġun ukoll fis-sottomissjonijiet l-oħra illi għamlet, u ċjoe' fir-rigward ta' fejn saret l-affissjoni m'hemmx qbil bejn il-post indikat mill-appellata u dak fejn suppost saret l-affissjoni, li anqas ma jirriżulta li huwa l-post fejn effettivament *tabita l-appellanti*;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk din il-Qorti qiegħda tiddirimi l-kwistjoni adeżivament mat-talba ta' l-appellant u

konsegwentement tannulla d-deċiżjoni appellata tal-Bord li Jirregola l-Kera tirrinvija l-atti lill-istess Bord għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż tal-prim'istanza jkunu a kariku tal-partijiet nofs kull wieħed, mentri dawk ta' dan l-appell ikunu kollha a kariku ta' l-appellati.